C/2026/1841

1.4.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/1841)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Madiran"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0687-AM04 — 8.1.2026

1. **Isem il-prodott**

Madiran

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

☐ IĠ

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard kif iddefiniti fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

L-applikazzjoni għall-emenda tad-DOP Madiran ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni. Speċifikament, ma:

(a) tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew ta' prodotti identifikati bl-indikazzjoni ġeografika;

(b) tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Żoni u postijiet li fihom jitwettqu d-diversi operazzjonijiet

Deskrizzjoni

Il-muniċipalitajiet fiż-żona ġeografika ġew aġġornati f'konformità mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2025. Din l-emenda ma tibdilx iż-żona ġeografika tad-denominazzjoni.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Varjetajiet ta' dwieli

Deskrizzjoni

Biex tlaħħaq mat-tibdil fil-klima u tiġi ppreżervata d-diversità ġenetika, żdiedet il-Manseng N bħala varjetà sekondarja. Hija varjetà lokali għal-Lbiċ. b'karatteristiċi agronomiċi u enoloġiċi li jissodisfaw l-aspettattivi tas-soċjetà u jikkontribwixxu għall-karatteristiċi tipiċi tal-prodott.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Proporzjon tal-varjetajiet ta' dwieli li għandhom jintużaw

Deskrizzjoni

Hekk kif ġiet żviluppata l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, l-importanza tal-varjetà Tannat N kibret, u laħqet proporzjon ta' 80 % fl-2008. Il-miżura tranżizzjonali biex tippermetti l-vinji mhux konformi jadattaw intemmet fl-2022, u wasslet biex ċerti żoni jinżlu grad għal IĠP jew "Vin de France".

It-Tannat hija markatur tal-identità b'saħħtu tal-inbejjed tad-DOP Madiran. Il-proporzjon tat-Tannat issa jista' jilħaq sa 100 %, b'minimu ta' 60 % meħtieġ fit-taħlita.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

~~H~~sad

Deskrizzjoni

Il-grupp ta' produtturi għad-denominazzjoni jixtieq li jneħħi r-rekwiżit tal-proklamazzjoni dwar il-ħsad sabiex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni amministrattiva, filwaqt li jinżamm kontroll fuq kemm hu misjur l-għeneb.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Limitu għal żoni mhux kultivati

Deskrizzjoni

Il-perċentwal permess ta' pjanti mejtin jew neqsin żdied minn 15 % għal 20 %, minħabba l-impatt tal-eska fuq l-għeneb Cabernet u sabiex il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni jiġu armonizzati mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għad-DOP Béarn (żoni ġeografiċi li jikkoinċidu). Studju li twettaq fuq 40 produttur tad-denominazzjoni wera li 17 % minnhom diġà jaqbżu rata ta' mortalità ta' 20 %, filwaqt li 22 % sa 25 % għandhom rata ta' mortalità ta' bejn 15 % u 20 %.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Prattiki ta' kultivazzjoni oħrajn

Deskrizzjoni

Żdiedu tliet dispożizzjonijiet agroambjentali mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. L-għan huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-denominazzjoni fid-dawl tat-tibdil fil-klima u l-aspettattivi għoljin tas-soċjetà.

— Il-kontroll kimiku tal-ħaxix ħażin huwa pprojbit fiż-żoni mad-dawra.

— Il-kontroll kimiku totali tal-ħaxix ħażin tal-irqajja' huwa pprojbit.

— Bejn il-flanni, il-veġetazzjoni naturali u/jew imħawla tiġi ġestita b'mezzi mekkaniċi jew fiżiċi.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Tagħmir tal-ħsad u tal-produzzjoni tal-inbid

Deskrizzjoni

Il-projbizzjoni fuq l-użu ta' kontejners bi trejler mgħammra b'pompi bil-qala' u l-projbizzjoni fuq il-pressi kontinwi tneħħew, peress li l-ebda operatur ma għandu tali tagħmir u ma ġie identifikat l-ebda nuqqas rigward dawn id-dispożizzjonijiet.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Dwieli mħawla fuq għelieqi mtarrġa

Deskrizzjoni

Għad-dwieli mħawla fuq għelieqi mtarrġa, id-data tat-tħawwil ġiet speċifikata sabiex tikkorrispondi mad-data tal-pubblikazzjoni tad-digriet li japprova din id-dispożizzjoni.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Regoli dwar il-coupage

Deskrizzjoni

F'konformità maż-żewġ applikazzjonijiet preċedenti, ir-regoli dwar il-coupage ġew emendati biex il-proporzjon ta' varjetajiet sekondarji jiġi llimitat għal 40 %, u hekk il-proporzjon tal-varjetajiet ewlenin, b'mod partikolari t-Tannat, jiżdied għal tal-anqas 60 % tat-taħlita.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Standards analitiċi

Deskrizzjoni

L-intensità tal-kulur modifikata (OD 420 + OD 520 + OD 620) ġiet sostitwita bl-intensità tal-kulur (OD 420 + OD 520). L-inbejjed għandhom intensità tal-kulur (Abs 420 nm + Abs 520 nm, imkejla bl-ispettrofotometrija) ta' 6 jew akbar. L-intensità tal-kulur modifikata titqies li hija instabbli maż-żmien u ma hijiex xierqa għal din id-denominazzjoni.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Kapaċità tal-kantina tal-inbid

Deskrizzjoni

Sabiex jiġu armonizzati l-prattiki u jiġu ssimplifikati l-kontrolli, il-grupp ta' produtturi tad-denominazzjoni jipproponi li l-kapaċità tal-kantina tal-inbid tiġi kkalkulata abbażi ta' ħsad wieħed billi jiġi applikat koeffiċjent ta' 1,5 sabiex tiġi adattata aħjar għal klima li qed tinbidel. Dan il-metodu ġdid ta' kalkolu jissostitwixxi dak ibbażat fuq 2,5 darbiet il-medja tal-aħħar tliet vendemmji.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Dispożizzjonijiet skont it-tip ta' prodott

Deskrizzjoni

Biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' spazju għall-ħżin, il-grupp xtaq li jqassar iż-żmien tat-tqaddim. Biex jiġi kkumpensat iż-żmien ta' tqaddim iqsar, ġew introdotti kundizzjonijiet ġodda: Wara l-ewwel tiswib tal-inbid minn ġo flixkun/bittija għal ieħor/oħra b'segwitu għall-fermentazzjoni malolattika kompluta u sabiex it-tannini jirtabu, l-inbejjed jitqaddmu sa tal-anqas il-15 ta' April tas-sena wara l-ħsad. L-inbejjed jitqaddmu f'kontenitur b'volum ta' aktar minn 100 litru. It-tqaddim ma jistax isir f'kontenituri tal-ħġieġ.

Dawn l-emendi jipprovdu lill-operaturi aktar flessibbiltà filwaqt li jżommu l-profil tipiku tal-inbejjed bid-denominazzjoni Madiran.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Dispożizzjonijiet dwar l-imballaġġ

Deskrizzjoni

Issa trid titwettaq analiżi qabel l-imballaġġ sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-lottijiet upstream. Barra minn hekk, ir-rapporti tal-analiżi issa jridu jinżammu għal 24 xahar minflok 6.

F'konformità maż-żmien ta' tqaddim imqassar (il-15 ta' April minflok il-15 ta' Ottubru), l-inbejjed jitqiegħdu fis-suq fl-1 ta' Mejju minflok fl-1 ta' Novembru tas-sena wara l-ħsad.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Pjan ġenerali tal-post fejn jinħażnu l-inbejjed

Deskrizzjoni

L-obbligu li jitfassal pjan ġenerali tal-post fejn jinħażnu l-inbejjed tmexxa għat-taqsima dwar iż-żamma tar-rekords, sabiex tinżamm it-traċċabbiltà f'każ ta' kontrolli.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rabta maż-żona ġeografika

Deskrizzjoni

It-taqsima dwar ir-rabta maż-żona ġeografika ġiet modifikata kemxejn biex tipprovdi ċarezza akbar u tuża vokabularju aktar preċiż dwar ċerti punti.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Miżuri tranżizzjonali

Deskrizzjoni

Il-miżuri tranżizzjonali dwar iż-żona ta' rqajja' definita u l-varjetajiet ta' għeneb skadew u tħassru mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rekwiżiti ta' dikjarazzjoni

Deskrizzjoni

It-tiġdid taċitu tad-dikjarazzjoni preċedenti tal-assenjazzjoni tal-irqajja' tħassar, peress li l-bidliet annwali fl-irqajja' art jippreżentaw riskju ta' żball jew ommissjoni.

Din il-bidla ma għandhiex impatt operazzjonali, peress li l-ebda operatur bħalissa ma juża din l-għażla.

Id-dikjarazzjoni dwar l-imballaġġ issa hija meħtieġa mhux aktar tard mill-jum tal-operazzjoni tal-imballaġġ. Barra minn hekk, l-eżenzjoni prevista għall-operaturi li jwettqu aktar minn 12-il operazzjoni tal-imballaġġ tħassret.

Dawn l-iżviluppi għandhom l-għan li jtejbu l-akkuratezza tal-volumi rapportati u li jiġu armonizzati l-obbligi bejn l-operaturi.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Referenzi

Deskrizzjoni

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u tal-Kwalità (INAO, *Institut national de la qualité et de l'origine*) ġew aġġornati.

L-arranġamenti għall-kontroll tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġew emendati.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Punti ewlenin li jridu jiġu vverifikati u metodi ta' evalwazzjoni

Deskrizzjoni

It-tabella ġiet aġġornata biex tirrifletti l-emendi preċedenti.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbejjed

"Madiran"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0687-AM04 — 8.1.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Madiran

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbejjed ħomor bla gass

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Madiran huma nbejjed ħomor bla gass magħmula primarjament mill-varjetà Tannat N.

Aroma

Il-profil aromatiku tal-inbejjed, spiss ikkaratterizzat minn noti ta' frott aħmar u iswed, huwa frisk u b'togħma ta' frott. Ġeneralment jiżviluppa f'aromi kumplessi ta' konfettura tal-frott u ta' ħwawar.

Togħma

Dawn huma nbejjed ħomor xotti bla gass, prinċipalment magħmula bl-użu tal-varjetà Tannat N, li hija relatata mal-Cabernet Franc N, mal-Cabernet-Sauvignon N u mal-Fer N. Il-prattiki tal-produzzjoni tal-inbid użati u ż-żminijiet ta' tkabbir jippermettu li t-tannini jirtabu, u hekk ikun possibbli li jinkisbu nbejjed li għandhom struttura bilanċjata tajjeb. Minħabba l-istruttura tagħhom, l-inbejjed huma xierqa ferm għat-tqaddim. Fil-palat, jikkombinaw ir-robustezza u r-rikkezza, iżda dejjem b'finitura friska.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

-

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	14
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	-
Aċidità totali minima:	-
Unità ta' aċidità totali minima:	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

L-inbejjed għandhom:

— qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 11,5 %;

— qawwa alkoħolika totali massima skont il-volum wara l-arrikkiment ta' 14 %;

— kontenut ta' aċidu maliku ta' ≤ 0,4 g/l;

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ta' ≤ 3 g/l jekk il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tkun ta' < 14 %;

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ta' ≤ 4 g/l jekk il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tkun ta' > 14 %;

— intensità tal-kulur modifikata (OD 420 nm + OD 520 nm, imkejla bl-ispettrofotometrija) ta' 6 jew akbar fi tmiem il-perjodu tat-tqaddim.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

— It-tneħħija taz-zkuk tal-ħsad hija obbligatorja.

— It-tekniki ta' arrikkiment sottrattivi huma permessi sa rata ta' konċentrazzjoni massima ta' 10 %.

— Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali tal-inbejjed skont il-volum ma tridx taqbeż 14 %. Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, il-prattiki enoloġiċi dwar dawn l-inbejjed iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-livell tal-UE u fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Densità tat-tħawwil

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Id-densità tat-tħawwil minima hija ta' 4 000 dielja għal kull ettaru. L-ispazju bejn il-flanni tad-dwieli ma jistax jaqbeż 2,50 metri. L-ispazju bejn il-pjanti fl-istess flann irid ikun tal-anqas ta' 0,80 metri.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Żbir tad-dwieli

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Id-dwieli jinżabru jew b'żabra qasira (bl-użu tas-sistema "Cordon de Royat") jew bl-użu tas-sistema Guyot sempliċi jew doppja, b'massimu ta' 15-il għajn għal kull pjanta. L-għadd ta' frieħi li jagħtu l-frott għal kull pjanta u għal kull sena wara l-fjur (l-istadju ta' tkabbir fenoloġiku 23 ta' Lorenz) huwa anqas minn jew ugwali għal: - 10 għall-varjetà Tannat N; - 12 għall-varjetajiet anċillari.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Irrigazzjoni

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

L-irrigazzjoni tista' tiġi awtorizzata.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed ħomor bla gass

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	60
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Cabernet Franc N

— Cabernet Sauvignon N

— Fer N

— Fer Servadou, Braucol, Mansois, Pinenc

— Manseng noir N

— Tannat N

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

1- *Żona ġeografika*

L-għeneb jinħasad u l-inbejjed isiru, jiġu żviluppati u mqaddma fiż-żona ġeografika, li, fid-data tal-approvazzjoni ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott mill-kumitat nazzjonali kompetenti, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2025:

— Id-dipartiment ta' Gers:

Muniċipalitajiet inklużi b'mod sħiħ: Maumusson-Laguian u Viella.

Muniċipalitajiet inklużi parzjalment: Riscle (it-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Cannet biss).

— Id-dipartiment ta' Hautes-Pyrénées: Castelnau-Rivière-Basse, Hagedet, Lascazères, Madiran, Saint-Lanne u Soublecause.

— Id-dipartiment ta' Pyrénées-Atlantiques: Arricau-Bordes, Arrosès, Aubous, Aurions-Idernes, Aydie, Bétracq, Burosse-Mendousse, Cadillon, Castetpugon, Castillon (canton ta' Lembeye), Conchez-de-Béarn, Corbère-Abères, Crouseilles, Diusse, Escurès, Gayon, Lasserre, Lembeye, Mascaraàs-Haron, Moncaup, Moncla, Monpezat, Mont-Disse, Portet, Saint-Jean-Poudge, Séméacq-Blachon, Tadousse-Ussau u Vialer.

2- *Iż-żona ta' rqajja' definita*

L-inbejjed iridu jsiru minn għeneb li jitkabbar fi rqajja' li jinsabu fiż-żona ta' produzzjoni kif approvat mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u tal-Kwalità (INAO) fil-laqgħat tal-kumitat nazzjonali rilevanti fis-6 ta' Marzu 1997, fit-8 u fid-9 ta' Novembru 2006, fit-3 ta' Mejju 2017 u fid-29 u fit-30 ta' Ġunju 2023.

L-INAO jissottometti l-mapep li jistabbilixxu l-konfini tal-irqajja' taż-żona ta' produzzjoni approvati b'dan il-mod lill-kunsilli lokali tal-muniċipalitajiet elenkati fil-paragrafu 1. L-INAO jissottometti l-mapep li jistabbilixxu l-konfini tal-irqajja' taż-żona ta' produzzjoni approvati b'dan il-mod lill-kunsilli lokali tal-muniċipalitajiet elenkati fil-paragrafu 1.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Iż-żona ġeografika tinsab fin-Nofsinhar u fil-Punent tax-Xmara Adour, f'qiegħ l-għoljiet tan-Nofsinhar tal-Pirinej. Din tkopri sezzjoni ta' għoljiet. Iż-żona ġeografika tkopri t-territorju ta' 37 muniċipalità fi tliet dipartimenti. Klima relattivament omoġenja, moderata u pjuttost umda tippredomina fiż-żona ġeografika kollha. Fi tmiem is-sajf u fil-ħarifa, ir-riħ sħun u xott min-Nofsinhar tat-tip foehn huwa frekwenti. Il-promontorji tal-Madirannais huma essenzjalment magħmula minn molassa prinċipalment iffurmata mill-marl u xi ġnub tal-ġebla tal-ġir. Ġie ddepożitat tafal biż-żrar fuq dawn id-depożiti tal-molassa, segwit minn saff alluvjali ta' ċagħaq, li llum il-ġurnata jinsab fl-ogħla pożizzjoni. Dawn il-formazzjonijiet ittieklu bl-erożjoni matul il-perjodu Kwaternarju, u dan irriżulta fil-ħolqien ta' ħames promontorji mifrudin b'widien assimetriċi: id-depożitu tal-molassa jidher bħala ġnub kalkarji 'l hemm u 'l hawn fuq ix-xaqlibiet weqfin li jħarsu lejn il-Punent. Ix-xaqlibiet anqas weqfin, li jħarsu lejn il-Lvant huma miksijin b'ramal minfuħ mir-riħ li tħallat mad-depożiti sottostanti. Il-ħamrija assoċjata hija ta' żewġ tipi ewlenin: ħamrija taflija bil-ġebla tal-ġir u ħamrija tal-lissija. L-arkivji tal-Prijorat ta' Madiran juru li, fil-bidu tas-seklu 13, il-vinji kienu jinsabu kullimkien fiż-żona. Il-kummerċ mar-reġjun ta' Bigorre u mal-Pirinej ġie stabbilit sa mill-bidu tas-seklu 15. Il-ftuħ ta' dan is-suq speċifiku għall-inbejjed ħomor konċentrati u tanniċi b'potenzjal tajjeb ta' konservazzjoni ggwida lil min jagħsar l-għeneb fl-għażla tat-tekniki tagħhom. Il-varjetà Tannat N saret komponent kruċjali tat-taħlitiet użati biex jinkiseb il-prodott li wassal għal din ir-reputazzjoni tal-Madiran. Ir-rekords notarizzati mis-sekli 16 u 17 juru li

d-dwieli tal-inbid aħmar ġew ikkultivati bl-użu ta' teknika ta' tħarriġ tad-dwieli simili għal dik li tintuża llum il-ġurnata; dak iż-żmien, kienet titqies bħala garanzija ta' kwalità. Matul is-seklu 17, infetaħ suq ġdid għall-inbejjed ħomor mir-reġjun ta' Madiran: dawn kienu jinbiegħu sabiex jintbagħtu lejn l-Antilli Franċiżi u jiġu kkonsmati hemm. Dawn iż-żewġ swieq kbar, il-Pirinej u l-Antilli, wasslu biex il-produzzjoni tkun orjentata lejn inbejjed b'kulur qawwi, konċentrati u tanniċi b'potenzjal għoli ta' konservazzjoni. Fis-sekli 18 u 19, l-inbejjed ħomor kienu jinbiegħu taħt l-isem "Madiran", terminu li ntuża għall-ewwel darba fl-1744, u kisbu reputazzjoni eċċellenti. Il-vinji espandew biex koprew 5 000 ha fi tmiem is-seklu 18. L-AOC Madiran ġiet rikonoxxuta b'digriet fl-1948. Fis-seklu 20, iż-żona tal-vinji ċkienet drastikament. Mill-bidu tas-snin 80, iż-żona mħawwla bil-vinji ġiet estiża bil-mod iżda b'mod kostanti biex tilħaq id-daqs kurrenti tagħha ta'1 300 ha, u l-inbid huwa prodott bejn wieħed u ieħor indaqs mill-kantini tal-inbid individwali u mill-kooperattivi. Il-varjetà Tannat N hija b'vigoruża, timmatura tard u hija vulnerabbli għall-moffa griża, iżda l-kundizzjonijiet klimatiċi fiż-żona jippermettulha tilħaq il-maturità mingħajr l-ebda diffikultà. Ix-xaqlibiet tal-ġnub tal-għoljiet joħolqu kundizzjonijiet topoklimatiċi favorevoli, li jippermettu l-iskular tal-ilma żejjed tax-xita, u, meta x-xaqlibiet ikunu orjentati b'mod favorevoli, joffru aktar iżolament u sħana, li jwasslu għall-maturazzjoni tal-vendemmja. F'reġjun fejn il-varjetà wiesgħa ta' ħamrija u tal-morfoloġija ħolqot pajsaġġ varjat, in-nies ħolqu vinji li bilfors ma setgħux ikunu kontinwi, fejn taw preferenza lil dawk l-irqajja' ta' art l-aktar xierqa biex l-għeneb jimmatura f'kundizzjonijiet sani. L-irqajja' ta' dan it-tip huma ddefiniti miż-żona tal-produzzjoni bl-irqajja' (fuq xaqlibiet orjentati b'mod favorevoli b'ħamrija li għandha tendenza li tiskula tajjeb u spiss tkun ċagħqija). Il-produtturi kisbu ħakma teknika dwar il-ġestjoni u l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tanniku tad-dwieli tagħhom: huma jimmiraw għall-maturità fenolika fl-għeneb tagħhom u jadattaw il-proċess ta' kif isir l-inbid għall-kwalità u għall-kwantità tat-tannini. Dawn iħalltu u jqaddmu l-inbejjed tagħhom bl-għan li jippreżervaw il-potenzjal ta' konservazzjoni tagħhom u l-aromi ta' frott tal-għeneb. Ir-reputazzjoni tal-inbejjed Madiran - li huma nbejjed strutturati, tanniċi u qawwija - għadha tippersisti sal-lum. Ir-reputazzjoni tagħhom kibret u ġiet estiża b'mod konsiderevoli mill-bidu tas-seklu 20, b'mod partikolari mis-snin 80, bis-saħħa tal-isforzi ta' min jagħsar l-għeneb, li rnexxielhom jipproduċu nbejjed b'tannini li, filwaqt li jistgħu jiġu nnutati bħal qabel, huma aktar rotob u aktar eleganti.

Il-varjetà Tannat N saret komponent kruċjali tat-taħlitiet użati biex jinkiseb il-prodott li wassal għal din ir-reputazzjoni tal-Madiran. Din il-varjetà hija b'vigoruża, timmatura tard u hija vulnerabbli għall-moffa griża, iżda l-kundizzjonijiet klimatiċi fiż-żona jippermettulha tilħaq il-maturità mingħajr l-ebda diffikultà.

Il-produtturi kisbu ħakma teknika dwar il-ġestjoni u l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tanniku tad-dwieli tagħhom: huma jimmiraw għall-maturità fenolika fl-għeneb tagħhom u jadattaw il-proċess ta' kif isir l-inbid għall-kwalità u għall-kwantità tat-tannini. Dawn iħalltu u jqaddmu l-inbejjed tagħhom bl-għan li jippreżervaw il-potenzjal ta' konservazzjoni tagħhom u l-aromi ta' frott tal-għeneb.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Unità ġeografika iżgħar jew akbar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-isem ta' unità ġeografika iżgħar jista' jidher fuq it-tikketti tal-inbejjed koperti mid-denominazzjoni ta' oriġini kontrollata, dment li: - ikun l-isem ta' post elenkat fir-reġistru tal-artijiet; - l-isem jidher fid-dikjarazzjoni dwar il-ħsad. L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini kontrollata jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-unità ġeografika usa' "Sud-Ouest".

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Żona fil-prossimità immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, għall-iżvilupp u għat-tqaddim tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-Dipartiment ta' Gers: Labarthète, Riscle u Saint-Mont.

F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, iż-żona fil-viċinanza immedjata tikkorrispondi għal żona fil-viċinanza immedjata taż-żona definita inkwistjoni.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-394c9c74-735a-4ba0-a779-2e713e1a1801